Nru. 656

MINISTERU GĦALL-L-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA

Skema ta' Appoġġ għal Proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-oqsma tal-Enerġija u l-Ilma

SABIEX tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030), li ġiet imnedija uffiċjalment fis-17 ta' Ġunju 2020, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża din l-Iskema li bis-saħħa tagħha se tingħata għajnuna għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma, skond dak li qed tiffoka fuqu is-Sejħa għall-Proposti tal-2022.

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu mis-6 ta' Ġunju 2022 sat-2 ta' Settembru, 2022. Applikazzjonijiet imdaħħla wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

SKEMA

1. Interpretazzjoni

"Applikant" tfisser kull konsorzju li hu magħmul minn żewġ (2) jew iktar msieħba mill-kategorija li tinsab fis-sezzjoni 2.1 tar-Regoli tal-Parteċipazzjoni. L-Imsiebah Ewlieni huwa mistenni japplika għal fondi ta' l-iskema f'isem l-imsieħba kollha.

"Applikant li ma Rnexxiex" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu naqset milli tgħaddi minn stadju tal-proċess tal-applikazzjoni, u li għalekk il-Proġett tiegħu mhuwiex eliġibbli biex jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema.

"Applikant li Rnexxa" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għaddiet miż-żewġ stadji tal-proċess ta' applikazzjoni u b'hekk il-Proġett tiegħu jista' jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema. Jekk issirx offerta ta' appoġġ jiddependi fuq il-klassifikazzjoni li jikseb l-Applikant li rnexxa u d-disponibbiltà ta' fondi taħt din l-Iskema.

"Awtorità Responsabbli" tirreferi għall-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, iżda xi kompiti li skont il-Grant Agreement huma obbligi tal-Awtorità Responsabbli jistgħu jiġu mgħoddija lil partijiet terzi li jirrappreżentaw lill-Awtorità Responsabbli hekk kif ikkuntrattati, maħtura jew delegati mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma.

"Benefiċjarju tal-Proġett" (il-Benefiċjarju) tfisser Applikant li Rnexxa, li aċċetta l-offerta ta' appoġġ għal Proġett taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2022 u ffirma l-Grant Agreement. Dan bil-fors irid ikun Konsorzju.

No. 656

THE MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND ENTERPRISE

Support Scheme for Research and Innovation Projects in the Fields of Energy and Water

IN ORDER to implement the National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030), officially launched on 17th June, 2020, the Energy and Water Agency within the Ministry for the Environment,Energy and the Enterprise has developed this Scheme by virtue of which financial assistance will be provided for research and innovation (R&I) projects in the field of energy and water, in line with the focus of the 2022 Call for Proposals priority areas.

Applications to this scheme will be received between the 6th of June 2022 and the 2nd of September 2022. Late submissions will not be considered.

SCHEME

1. Interpretation

"Applicant" means a consortium which shall be made up of two or more Partners and which includes Partners from at least two (2) of the categories listed in Section 2.1 of the Rules for Participation. The Lead Partner shall consequently apply for funding under this support scheme on behalf of all the Partners.

"Unsuccessful Applicant" means an Applicant whose application failed to pass one stage of the application process and whose Project is thus not eligible to receive support under this Scheme.

"Successful Applicant" means an Applicant whose application has passed both stages of the application process and thus whose Project may receive support under this Scheme. An offer of support shall be contingent on the Successful Applicant's ranking and the availability of funds under this Scheme.

"Managing Authority" shall be the Energy and Water Agency, provided that some tasks which fall to the Managing Authority under the Grant Agreement may be conducted by third parties representing the Managing Authority, as contracted, appointed or delegated by the Energy and Water Agency.

"Project Beneficiary" (the Beneficiary) means a successful Applicant who accepted the offer of support for a Project under the 2022 Call for Proposals and has signed the Grant Agreement. This must constitute of a Consortium.

"Grant Agreement" tfisser il-ftehim bejn l-Awtorità Responsabbli u l-Benefiċjarju tal-Proġett li jistabbilixxi t-termini, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet applikabbli għal Għotja.

"Imsieħeb ewlieni" tfisser dak l-Imsieħeb tal-Konsorzju identifikat bħala l-imsieħeb responsabbli biex jiżgura l-eżekuzzjoni korretta ta' proġett li jingħata appoġġ taħt din is-Sejħa għall-Proposti tal-2022 li se jkollu responsabbiltajiet in solidum flimkien ma' l-imsieħba l-oħra tal-Proġett għall-obbligi kollha li joħorġu mill-Grant Agreement.

"Intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra. L-għajnuna pagabbli f'għadd ta' pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata l-għotja. Ir-rata tal-interessi li għandha tintuża għal finijiet ta' skont tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għotja. L-intensità tal-għajnuna tiġi kkalkulata għal kull benefiċjarju.

"Kollaborazzjoni effettiva" tfisser kollaborazzjoni bejn mill-inqas żewġ partijiet indipendenti għall-iskambju ta' għarfien jew teknoloġija, jew biex jintlaħaq għan komuni bbażat fuq id-diviżjoni tax-xogħol fejn il-partijiet konġuntament jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett kollaborattiv, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu u jaqsmu r-riskji, kif ukoll ir-riżultati tiegħu. Riċerka li ssir taħt kuntratt u il-provisjoni ta' servizzi ta' riċerka mhumiex meqjusa forom ta' kollaborazzjoni.

"Konsorzju" tfisser grupp ta' żewġ entitajiet jew aktar li flimkien jipproponu proġett u jissottomettu applikazzjoni għall-finanzjament. Konsorzju għandu jkun magħmul mill-Imsieħeb magħżulmill-imsieħba bħala l-Imsieħeb Ewlieni, u mill-inqas Imsieħeb wieħed ieħor.

"Kundizzjonijiet ta' distakkament" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti, u ma jkunx fihom element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja hija kkunsidrata li tilħaq il-prinċipju ta' distakkament.

"Organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien. Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-

"Grant agreement" means an agreement between the Managing Authority and the Project Beneficiary that sets forth the terms, conditions and limitations applicable to a Grant.

"Lead partner" means the Consortium Partner identified as being the partner responsible to ensure the correct execution of project awarded support under this 2022 Call for Proposals who will have joint and several liabilities together with other Project Partners for all the obligations arising from the Grant Agreement.

"Aid intensity" means the gross aid amount expressed as a percentage of the eligible costs, before any deduction of tax or other charge. Aid payable in several instalments will be discounted to its value at the date of award. The interest rate to be used for this purpose is the discount rate applicable at the date of award. The aid intensity is calculated per beneficiary.

"Effective collaboration" means collaboration between at least two independent parties to exchange knowledge or technology, or to achieve a common objective based on the division of labour where the parties jointly define the scope of the collaborative project, contribute to its implementation, and share its risks, as well as its results. Contract research and provision of research services are not considered forms of collaboration.

"Consortium" means a group of two or more entities who jointly propose a project and submit an application for funding. A Consortium is made up of a designated Lead Partner and at least one Project Partner.

"Arm's length conditions" means conditions of the transaction between the contracting parties contain no element of collusion and do not differ from those which would be stipulated between independent enterprises. Any transaction that results from an open, transparent and non-discriminatory procedure is considered as meeting the arm's length principle.

"Research and knowledge-dissemination organisation" means an entity (such as universities or research institutes, technology transfer agencies, innovation intermediaries, research-oriented physical or virtual collaborative entities), irrespective of its legal status (organised under public or private law) or way of financing, whose primary goal is to independently conduct fundamental research, industrial research or experimental development or to widely disseminate the results of such activities by way of teaching, publication or knowledge transfer. Where such entity also pursues economic activities, the financing, the costs and the

finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapacità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha.

revenues of those economic activities must be accounted for separately. Undertakings that can exert a decisive influence upon such an entity, for example in the quality of shareholders or members, may not enjoy a preferential access to the results generated by it.

"Perjodu tal-proġett" tfisser il-perjodu ta'eżekuzzjoni tal-proġett, li huwa definit bħala il-perijodu bejn id-data tal-bidu tal-proġett u d-data tat-tmiem tal-proġett, hekk kif stipulat fil-Grant Agreement.

"Project period" means the execution period of the project, which shall be the period between the Project Start Date and Project End Date as indicated in the Grant Agreement.

"Proġett" tfisser dawk l-attivitajiet maħsuba biex jitwettaq kompitu indiviżibbli ta' natura ekonomika, xjentifika jew teknika preċiża b'għanijiet li jkuni definiti b'mod ċar minn qabel hekk kif deskritti fl-Applikazzjoni. Meta żewġ proġetti jew aktar ma jistgħux jiġu mifruda b'mod ċar minn xulxin u b'mod partikolari meta mil-lat teknoloġiku m'għandhomx probabbiltajiet indipendenti ta' suċċess, dawn jiġu kkunsidrati bħala proġett wieħed.

"Project" means those activities intended to accomplish an indivisible task of a precise economic, scientific or technical nature with clearly pre-defined goals as described in the application. When two or more projects are not clearly separable from each other and in particular when they do not have independent probabilities of technological success, they are considered as a single project.

"Regoli għall-Parteċipazzjoni" tfisser ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni marbuta ma' din is-Sejħa għall-Proposti għall-Proġetti ta' R&I tal-2022 fl-oqsma tal-Enerġija u tal-Ilma (Verżjoni Mejju 2022), kif ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Responsabbli, li għandhom ikunu r-regoli applikabbli għal din is-Sejħa u li flimkien mal-provedimenti tal-Grant Agreement, għandhom jirregolaw ir-relazzjoni bejn Awtorità Responsabbli u l-Benefiċjarji. L-Applikanti taħt din is-Sejħa ser ikunu meħtieġa jiffirmaw dikjarazzjoni li jaqblu li jkunu marbutin b'dawn ir-regoli bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Kopja tista' tintalab billi tintbagħat email lil (rni-energywateragency@gov.mt). B'mod alternattiv, id-dokument ser ikun disponibbli fuq is-sit tal-Awtorità Responsabbli fuq: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

"Rules for Participation" mean the Rules for Participation applicable to this 2022 Call for Proposals for Research and Innovation Projects in the fields of Energy and Water (Version May 2022), as published on the Managing Authority's website, which shall be the applicable rules governing the call and, which, together with the provisions of a Grant Agreement, shall regulate the relationship between the Managing Authority and Beneficiaries. Applicants under this call shall be required to sign a declaration agreeing to be bound by these rules as part of the application process. A copy may be requested by sending an email to (rni-energywateragency@gov.mt). Alternatively, the document shall be available on the website of the Managing Authority at: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

"Riċerka industrijali" tfisser ir-riċerka ppjanata jew l-investigazzjoni kritika mmirata lejn il-kisba ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew biex iseħħ titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Tinkludi l-ħolqien ta' partijiet ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, u tista' tinkludi l-kostruzzjoni ta' prototipi f'ambjent ta' laboratorju jew f'ambjent b'interfaċċji simulati għal sistemi eżistenti kif ukoll ta' linji pilota, meta jkun meħtieġ għar-riċerka industrijali u notevolment għall-validazzjoni tat-teknoloġija ġenerika.

"Industrial research" means the planned research or critical investigation aimed at the acquisition of new knowledge and skills for developing new products, processes or services or for bringing about a significant improvement in existing products, processes or services. It comprises the creation of components parts of complex systems, and may include the construction of prototypes in a laboratory environment or in an environment with simulated interfaces to existing systems as well as of pilot lines, when necessary for the industrial research and notably for generic technology validation.

"Spejjeż Eliġibbli" tfisser dawk l-ispejjeż magħmula direttament mill-Benefiċjarju tal-Proġett matul il-Perjodu tal-proġett u li huma qabel kollox użati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proġett, sakemm dawn ikunu eliġibbli skont ir-regoli għall-eliġibbilita' tal-ispejjeż li jinsabu fl-Annes I għar-Regoli għall-Parteċipazzjoni. Kull spiża eliġibbli għandha tkun raġevolment neċessarja għall-

"Eligible costs" means those costs incurred directly by the Beneficiary during the Project Period and used primarily for the purposes of achieving the objects of the Project, subject to their eligibility in line with the rules for eligibility of costs found in Annex I to the Rules for Participation. All eligible costs shall be reasonably necessary for the implementation of the Project, identified specifically within the Project, and

implimentazzjoni tal-Proġett, għandha tkun identifikata b'mod speċifiku fil-Proġett, u dawn l-ispejjeż għandhom jistgħu jiġu b'mod faċli u bi grad għoli ta' preċiżjoni marbuta ma' attivitajiet tal-Proġett;

"Spejjeż tal-persunal" tfisser l-ispejjeż marbutin ma Esperti, mar-riċerkaturi, t-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett jew l-attività rilevanti.

"Strateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030)" tfisser l-istrateġija nazzjonali ppubblikata mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma li tiddeskrivi l-pjan tal-Gvern li jagħti spinta u jiggwida d-direzzjoni tar-R&I domestika fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma għall-għaxar snin li ġejjin.

"Valur tal-Għotja" tfisser il-valur totali tal-għotja għall-finanzjament tal-Proġett mill-Awtorità Responsabbli.

"Żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, il-kombinament, l-iffurmar u l-użu tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti ta' natura xjentifika, teknoloġika, kummerċjali u ta' tip ieħor, bl-iskop li jiġu żviluppati prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda jew imtejba. Dan jista' jinkludi wkoll, per eżempju, attivitajiet immirati lejn id-definizzjoni kunċettwali, l-ippjanar u d-dokumentazzjoni ta' prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda. L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi l-prototipi, il-wiri, il-pilotaġġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' prodotti ġodda jew imtejba, il-proċessi jew is-servizzi f'ambjenti rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet operattivi reali tal-ħajja meta l-għan ewlieni huwa li jkun hemm titjib tekniku ġdid għall-prodotti, il-proċessi jew s-servizzi li mhumiex sostanzjalment stabbiliti. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' prototip jew pilota li jkun kummerċjalment utilizzabbli u li huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali finali u li huwa għali wisq biex jiġi prodott biex jintuża biss għal finijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni. L-iżvilupp sperimentali ma jinkludix tibdiliet ta' rutina jew perjodiċi magħmula lill-prodotti eżistenti, il-linji ta' produzzjoni, il-proċessi ta' manifattura, is-servizzi u operazzjonijiet oħra li jkun għaddejjin, anke jekk dawn it-tibdiliet jistgħu jirrapreżentaw titjib.

shall be costs which can be assigned to Project activities easily and with a high degree of accuracy.

"Personnel costs" means the costs of experts, researchers, technicians and other supporting staff to the extent employed on the relevant project or activity.

"National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030)" means the national strategy published by the Energy and Water Agency which outlines the Government's plan to boost and guide the direction of domestic R&I in the fields of energy and water over the upcoming decade.

"Grant Value" means the total value of the grant funding provided for the Project by the Managing Authority.

"Experimental development" means acquiring, combining, shaping and using existing scientific, technological, business and other relevant knowledge and skills with the aim of developing new or improved products, processes or services. This may also include, for example, activities aiming at the conceptual definition, planning and documentation of new products, processes or services. Experimental development may comprise prototyping, demonstrating, piloting, testing and validation of new or improved products, processes or services in environments representative of real-life operating conditions where the primary objective is to make further technical improvements on products, processes or services that are not substantially set. This may include the development of a commercially usable prototype or pilot which is necessarily the final commercial product and which is too expensive to produce for it to be used only for demonstration and validation purposes. Experimental development does not include routine or periodic changes made to existing products, production lines, manufacturing processes, services and other operations in progress, even if those changes may represent improvements.

2. Informazzjoni ġenerali dwar l-Iskema

Is-sett sħiħ ta' regoli, regolamenti u kundizzjonijiet applikabbli għall-Iskema stabbilita b'dan l-Avviż tal-Gvern jinstabu fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, liema dokument għandu jkun applikabbli fl-intier tiegħu għal din l-Iskema. Huwa mistenni li applikanti potenzjali jkunu qraw u ffamiljarizzaw ruħhom ma' dan id-dokument qabel ma jissottomettu applikazzjoni.

2.2 Is-Sejħa għall-Proposti għall-2022 tilqa'applikazzjonijiet għal appoġġ finanzjarju, liema appoġġ jieħu il-forma ta' għotja, għal proġetti ta' R&I fl-enerġija u fl-ilma li l-objettivi tagħhom huma konformi mal-politiki nazzjonali u li jfittxu li jikkontribwixxu b'mod tanġibbli sabiex jiġu indirizzati waħda minn dawn li ġejjin:

2. Overview of the Scheme

The full set of rules, regulations and conditions applicable to the Scheme established by this Government Notice are laid down in the Rules for Participation, which document shall be applicable to this Scheme in its entirety. Potential Applicants are expected to read through and familiarise themselves with the document in question prior to submitting an application.

2.2 The 2022 Call for Proposals invites applications for financial support, in the form of a grant, for R&I projects in energy and water whose objectives are in line with national policies and seek to contribute in a tangible manner to addressing one of the following:

a) Prijorità fil-politika nazzjonali jew sfida fis-setturi tal-enerġija u tal-ilma;

Jew

b) Kompetittività ekonomika u tkabbir f'varjetà ta' setturi nazzjonali, mill-perspettiva tal-enerġija u tal-ilma

2.3 L-enfasi huwa li l-benifikatur, huwa mistenni li fiż-żmien li jvarja bejn tmintax u erba' u għoxrin xahar (18-24), il-proġett mistenni jilħaq il-livell ta' Tħejjija Teknoloġika 7.

2.4 Għal lis-skema tal-2022, huma eliġibli biss proġetti li jiffukaw fuq 4 temi prinċipali. Dawn huma kif jidhru hawn:

a) Effiċenza fl-ilma f'sistemi tal-Agrikultura

b) Titjieb fil-kwalita tal-ilma tad-drenaġġ biex jitjieb b'mod effiċenti l-użu ta' l-ilma

c) Irkuprar ta' sħana industrijali u/jew Sistemi li jkesħu

d) PV u Integrazjoni ta' ħażna fil-batteriji

Preferenza sabiex jingħata appoġġ finanzjarju tingħata lill-proposti bl-ogħla punteġġi li jaqħu f'dawn l-oqsma ta' prijorità; l-oqsma ta' prijorità m'għandhomx ordni ta' preferenza bejniethom. Proġetti jistgħu jaqgħu f'firxa ta' dixxiplini, inkluż l-inġinerija u x-xjenzi naturali, xjenzi soċjali u ta' mġieba, big data u intelliġenza artifiċjali.

3. Eliġibbiltà

3.1 L-Applikant irid ikun bil-fors Konsorzju. Meta ssir l-applikazzjoni, l-Applikant għandu jkollu kapaċità suffiċjenti ta' riżorsi umani kwalifikati adattati (apparti minn dawk li jiġu reklutati għall-proġett), għarfien teknoloġiku xieraq u pożizzjoni finanzjarja tajba biżżejjed sabiex iwettaq proġett ta' R&I. Fil-ħin tal-ħlas tal-għajnuna, l-Imsieħeb Prinċipali tal-Applikant huwa meħtieġ li jkollu stabbiliment jew fergħa f'Malta.

3.2 L-iskema hija miftuħa kemm għall-Applikanti li jaqgħu barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat kif ukoll għal dawk li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat.

4. Appoġġ Finanzjarju

4.1 Il-finanzjament massimu possibbli li jista' jintalab għal Proġett R&I taħt din l-Iskema huwa ta' €200,000 u l-finanzjament minimu possibbli mitlub m'għandux ikun inqas minn €120,000. In-numru ta' Proġetti li se jingħataw finanzjament huwa suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi,

a) A national policy priority or challenge in the energy and water sectors;

or

b) Economic competitiveness and growth in a variety of national sectors, from an energy and water perspective.

2.3 The scheme expects that any beneficiary, within the duration ranging between eighteen and twenty four months (18-24), will reach Technology Readiness Level (TRL) 7 by the end of the project.

2.4 For the 2022 Call, only projects addressing these 4 main focus areas will be eligible for funding. These are as follows:

a) Water Efficient Agricultural Systems

b) Enhancing Industrial drainage water quality to improve water use efficiency

c) Industrial Heat Recovery and/or Spatial Cooling Systems

d) PV and Battery Storage Integration

Preference for financial support will be given to the highest scoring proposals within these priority areas; there is no order of preference of the priority areas. Target projects may fall in a range of disciplines, from engineering and natural sciences to social and behavioural sciences, big data and artificial intelligence.

3. Eligibility

3.1 An Applicant must be in a Consortium of at least two (2) partners from the categories that are listed in Section 2.1 of the Rules of Participation. At the time of application, the Applicant must have sufficient capacity with respect to suitable qualified human resources (in addition to those that shall be recruited for the project), appropriate technology acumen and financial standing to undertake a R&I project. At the time of payment of the assistance, the Applicant's Lead Partner is required to have an establishment or branch in Malta.

3.2 The scheme is open to both Applicants who fall outside the scope of State aid and those who fall within the scope of State aid.

4. Financial Support

4.1 The maximum possible funding that can be requested for an R&I Project under this Scheme is € 200,000 and the minimum possible funding requested shall not be less than €120,000. The number of Projects which will be awarded funding is subject to the availability of funds, up to a

sa massimu ta' €500,000, fejn il-fondi jiġu allokati għal Proġetti skond l-ordni ta' klassifikazzjoni li joħroġ mill-proċess ta' evalwazzjoni deskritt f'5.3-5.7.

4.2 L-intensità tal-għajnuna tiġi ddeterminata abbażi tal-entità (mhux abbażi tal-proġett). Entitajiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat għandhom jirċievu finanzjament ta' 100% għall-ispejjeż eliġibbli approvati, li jiġu magħmula waqt il-Perjodu tal-Proġett. L-intensità tal-għajnuna għal entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat hija ddeterminata skond il-livell ta' attività ta' R&I li qed titwettaq u d-daqs tal-entità, skond it-tabella hawn taħt.

Għajnuna għal proġettita' R&I taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2022	**Intrapriża żgħira**	**Intrapriża ta' daqs medju**	**Intrapriża kbira**
Riċerka industrijali	70%	60%	50%
Soġġetti għal kollaborazzjoni effettiva bejn intrapriżi li fosthom għall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unika ma tbati iktar minn70% tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka	80%	75%	65%
Żvilupp sperimentali	45%	35%	25%

4.2 The aid intensity is determined on an entity basis (not a project basis). Entities falling outside the scope of State aid shall receive 100% funding for approved eligible costs incurred during the Project Period. The aid intensity for entities that fall within the scope of State aid is determined according to the level of R&I activity being undertaken and the size of the entity, as per the table below.

Aid for R&I projecs under the 2022 Call for Proposals	**Small enterprise**	**Medium-sized enterprise**	**Large enterprise**
Industrial research	70%	60%	50%
Subject to effective collaboration between undertakings among which at least one is an SME, or is carried out in at least two Member States, or in aMember State and in a Contracting Party of the EEA Agreement, and no single undertaking bears more than 70% of the eligible costs, or between an undertaking and one or more research and knowledge-dissemination organisations, where thelatter bear at least 10 %of the eligible costs andhave the right to publishtheir own research results; or Subject to wide dissemination of results through conferences, publication, open access repositories, or free or open source software	80%	75%	65%
Experimental Development	45%	35%	25%

Soġġetti għal kollaborazzjoni effettivabejn intrapriżi li fosthomgħall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unikama tbati iktar minn 70 % tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, meta dawn tal-aħħar iġorru mill-inqas 1-10 % tal-ispejjeż eliġibbli u għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom; jew ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta'softwer b'xejn jew ta' sors miftuħ	60%	50%	40%
Subject to effective collaboration between undertakings among which at least one is an SME, or is carried out in at least two Member States, or in a Member State and in a Contracting Party of the EEA Agreement, and no single undertaking bears more than 70 % of the eligible costs, or between an undertaking and one or more research and knowledge-dissemination organisations, where the latter bear at least 10 % of the eligible costs and have the rightto publish their own research results; or Subject to wide dissemination of resultsthrough conferences, publication, open access repositories, or free or open source software	60%	50%	40%

4.3 Fil-każ ta' proġetti kollaborattivi, ir-rata massima ta' finanzjament għal proġett speċifiku tiddependi fuq in-numru u t-tip tal-partijiet li huma kollaboraturi, kif ukoll fuq il-kategoriji ta' attivitajiet ta' riċerka mwettqa u s-sehem ta' spejjeż eliġibbli mġarrba minn kull waħda minnhom.

4.3 In the case of collaborative projects, the maximum funding rate for a specific project will depend on the number and type of collaborating parties, as well as on the categories of research activities carried out and the share of eligible costs borne by each one of them.

4.4 Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-ispejjeż kollha għandhom isiru matul it-terminu tal-Grant Agreement. L-ispejjeż eliġibbli huma kif ġej:

4.4 To be eligible for funding, all costs must be incurred during the term of the Grant Agreement. Eligible costs are as follows:

Spejjeż tal-persunal: l-ispejjeż marbutin mal-esperti, mar-riċerkaturi, t-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett. L-ispejjeż eliġibbli għall-persunal m'għandhomx jaqbżu l-35% tal-Valur tal-għotja. Ir-Regoli tal-Parteċipazzjoni jistabilixxu linji gwida għar-rati ta' kull siegħa.

Personnel costs: experts, researchers, technicians and other supporting staff to the extent employed on the project. Eligible costs for personnel shall not exceed 35% of the grant value. The Rules for Participation outline guidelines for hourly rates.

Strumenti u tagħmir: xiri ta' tagħmir speċjalizzat, inkluż softwer u settijiet ta' dejta, meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proġett, sal-punt u għall-perjodu użati fil-proġett. Jekk dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma jintużawx tul

Instruments and equipment: purchase of specialized equipment, including software and datasets, required for achieving the objectives of the Project, to the extent and for the period used for the project. Where such instruments and

ħajjithom kollha fil-Proġett, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett. L-ispejjeż tad-deprezzament għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà u vverifikati minn Accountant Pubbliku Ċertifikat.

Informazzjonixjentifika:aċċessgħalsorsita'informazzjoni xjentifika inklużi databases u pubblikazzjonijiet, mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni taħt kundizzjonijiet ta' distakkament.

Oġġetti ta' Konsum: l-ispejjeż tal-materjali, provvisti u prodotti simili li jkunu saru direttament bħala riżultat tal-proġett. Il-valur globali tal-oġġetti ta' konsum ma jistax jaqbeż it-30% tal-Valur tal-Grant.

Attivitajiet sottokuntrattati: kwalunkwe attività relatata mal-proġett li ma titwettaqx direttament mill-Benefiċjarju tal-Proġett, iżda li titwettaq esternament taħt kundizzjonijiet ta' distakkament. Il-valur globali ta'attivitajiet sottokuntrattati ma jistax jaqbeż il-35% tal-Valur tal-Għotja.

Spejjeż ġenerali: spejjeż ġenerali mġarrba direttament bħala riżultat tal-Proġett huma limitati għal 5% tal-ispejjeż eliġibbli.

Infrastruttura u xogħlijiet (Ta' installazzjoni) huma spejjeż limitati għal li ġej; (i) Permessi biex tibni, (ii) materjal biex tibni, (iii) xogħol, (iv) proċessi speċjali (bħal rimedju tal-ħamrija, tħaffir) u/jew (v) Spejjeż relatati mal-proċess tal-bini tal-prototip/mudel f' ambjent relevanti. Dawn l-ispiżi ta' Infrastruttura u xogħolijiet huma eligibli biss jekk huma bżonjuża speċifikament għall-installazjoni tal-proġett pilota. L-ispejjeż għall-bini huma eliġibbli sal-punt u għall-perjodu taż-żmien użat għall-proġett. Jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkulati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà.

Spejjeż għal eventwalitajiet mhux maħsuba: spejjeż eliġibbli li ma jiġux deskritti fl-Applikazzjoni iżda li huma komplementari għall-għanijiet tal-Proġett, u li jintużaw sabiex: (i) titkabbar attività eżistenti deskritta fl-Applikazzjoni; u/jew (ii) tipprovdi għal attività ġdida li ma tkunx deskritta fl-Applikazzjoni. Dawn huma limitati għal 2% ta' l-ispejjeż eliġibbli.

Vjaġġar u sussistenza mġarba direttament bħala riżultat tal-proġett ma jistgħux jaqbżu l-€10,000 għal kull proġett.

4.5 Il-finanzjament taħt dan il-Programm huwa disponibbli biss sakemm l-Applikant ma benefikax minn xi forma oħra ta' għajnuna għall-istess spejjeż eliġibbli li għalihom qed issir applikazzjoni taħt din l-iskema. Jekk fil-waqt is-sottomiżjoni tal-applikazzjoni u l-offerta għajnuna, il-Benefiċjarju prospettiv diġa aċċetta/għandu l-intenzjoni biex

equipment are not used for their full life for the Project, only the depreciation costs corresponding to the life of the Project are considered as eligible. The depreciation costs must be calculated on the basis of generally accepted accounting principles and verified by a Certified Public Accountant.

Scientific information: access to scientific information sources including databases and publications, bought or licensed from outside sources at arm's length conditions.

Consumables: the costs of materials, supplies and similar products incurred directly as a result of the project. The overall value of consumables cannot exceed 30% of the Grant Value.

Subcontracted activities: any activity related to the project which is not carried out directly by the Project Beneficiary, but which is carried out by outside sources at arm's length conditions. The overall value of subcontracted activities cannot exceed 35% of the Grant Value.

Overheads: overheads incurred directly as a result of the Project are capped at 5% of eligible costs.

Infrastructure and Works (for pilot installations) costs for infrastructure and works is limited to the following; (i) building permits, (ii) building material, (iii) labour, (iv) specialised interventions (such as soil remediation, mine clearing) and/or (v) the Expenses related to the building of the operational prototype/model of the project outcome in a relevant environment. The costs of infrastructure and works are eligible only if they are specifically needed to implement the pilot installation. Costs for buildings are eligible to the extent and for the duration period used for the project. Only the depreciation costs corresponding to the life of the project, as calculated on the basis of generally accepted accounting principles are considered as eligible.

Contingency: eligible costs which were not previously defined in the application but which are complementary to the aims of the Project and are used to: (i) augment an existing task defined in the application; and/or (ii) provide for a new task, not previously defined in the application. These are capped at 2% of eligible costs.

Travelling and subsistence incurred directly as a result of the project are to be capped at €10,000 per project.

4.5 Funding under this Programme is made available on the basis that the Applicant has not benefited from any other form of assistance for the same eligible costs as those being applied for under this scheme. If, between the submission of the application and the offer for assistance, the Potential Beneficiary has already accepted/intends to accept another

jaċċetta forma oħra t'assistenza għall-istess spejjeż eliġibli, il-Benefiċarku prospettiv ma jibqax eleġibli iktar għall-assitenza taħt din l-iskema. Barra minn hekk, mal-iffirmar tal-Grant Agreement, il-Benefiċjarju tal-Proġett huwa awtomatikament ipprojbit milli jaċċetta forom oħra ta' għajnuna għall-istess spejjeż eliġibbli matul il-Perjodu tal-Proġett.

5. Proċess ta' Applikazzjoni

5.1 Il-proċedura ta' applikazzjoni hija proċess f'żewġ stadji , fejn l-ewwel stadju jikkonsisti fis-sottomissjoni tad-dokumenti tal-proposta u tal-evalwazzjoni ta' l-istess proposta, u fejn fit-tieni stadju jiġu sottomessi d-dokumenti supplimentari meħtieġa u jsir eżerċizzju ta' verifika xierqa fuq l-Applikant.

5.2 L-għażla u l-finanzjament tal-proposti taħt din l-Iskema ser ikunu fuq bażi kompetittiva.

5.3 L-applikazzjonijiet għall-proġetti ser jiġu evalwati permezz ta' proċess f'żewġ stadji:

1. L-Ewwel Stadju: Il-Proposta tal-Proġett - Il-bord tal-evalwazzjoni jgħaddi biex jevalwa l-kontenut ta' dawk il-proposti li jinstabu li huma konformi mil-lat amministrattiv u dan abbażi tal-kriterji speċifikati fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni Proposti li jiksbu marka totali li taqbeż l-10 minn massimu possibbli ta' 15, kif ukoll tikseb 3 minn 5 f'kull wieħed mit-3 kriterji (Eċċelenza Impatt Implimentazzjoni) biex jiġu mistiedna li jgħaddu għall-istadju u li jmiss.

2. It-Tieni Stadju: Dokumenti Supplimentari u Verifika Xierqa: Dan il-pass jinvolvi iis-sottomissjoni tad-demokuntisupplimentari meħtieġa kif ukoll verifika xierqa fuq l-Applikanti li l-proposta tagħhom taqbeż il-limiti stabbiliti matul l-evalwazzjoni tal-kontenut.

5.4 Biex proġett ikun eliġibbli għall-finanzjament irid jgħaddi iż-żewġ stadji u l-proġetti eliġibbli jiġu kklassifikati skont il-marki miksuba fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-kontenut.

5.5 Ladarba titlesta l-evalwazzjoni tat-Tieni Stadju tal-Proċess tal-Applikazzjoni, l-Awtorità Responsabbli tippubblika l-lista tal-applikazzjonijiet għall-proġetti li ġew sottomessi fuq is-sit tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma. Proġetti li huma eliġibbli għall-finanzjament (l-Applikanti li Rnexxew) jiġu elenkati fl-ordni tal-marka miksuba waqt l-Evalwazzjoni tal-Kontenut; Proġetti li mhumiex eliġibbli għall-finanzjament (Applikanti li ma Rnexxewx) jiġu elenkati f'ordni alfabetiku. Il-lista ppubblikata ta' Applikanti li Rnexxew se tinqasam fi tnejn, b'mod li waħda telenka dawk il-Proġetti li se jirċievu l-ewwel offerti ta' appoġġ u l-oħra telenka dawk il-Proġetti fuq il-'lista ta' stennija'

5.6 Offerti ta' appoġġ għall-Proġetti taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2021 għandhom jiġu magħmula lill-Applikanti

form of assistance for the same eligible costs, the Potential Beneficiary will no longer be eligible for assistance under this scheme. Furthermore, upon signing of the Grant Agreement, the Project Beneficiary is automatically prohibited from accepting other forms of assistance for the same eligible costs over the Project Period.

5. Application Process

5.1 The application procedure is a two-stage process, where the first stage consists of the submission of the project proposal documentation and evaluation thereof, and the second stage consists of the submission of supplementary documentation and a due diligence exercise on the Applicant.

5.2 The selection and funding of proposals under this Scheme shall be on a competitive basis.

5.3 Project applications will be assessed through a two-stage process:

1. Stage 1: Project Proposal - The evaluation board shall evaluate the content of project proposals which were found to be administratively compliant, based on the criteria specified in the Rules for Participation. Proposals obtaining a total mark exceeding 10 out of a possible maximum of 15, as well as obtaining at least 3 out of 5 in each of the 3 criteria (Excellence, Impact, Implementation), shall be invited to proceed to the second stage.

2. Stage 2: Supplementary Documentation and Due Diligence - This step involves the submission of the relevant supplementary documentation followed by a due diligence of Applicants whose proposal exceeds the set thresholds during content evaluation.

5.4 For a project to be eligible for funding it must pass both stages and eligible projects will be ranked according to the marks obtained in the content evaluation stage.

5.5 Once the evaluation of Stage 2 of the application process is completed, the Managing Authority shall publish the list of project applications which were submitted on the website of the Energy and Water Agency. Projects which are eligible for funding (the Successful Applicants) will be listed in order of the mark achieved during the Content Evaluation; Projects not eligible for funding (Unsuccessful Applicants) will be listed in alphabetical order. The published list of Successful Applicants will be divided into two sections, indicating those Projects which will receive the first offers of support and those Projects on the 'waiting list'.

5.6 Offers of support for their Projects under the 2022 Call for Proposals shall be provided to Successful Applicants

li Rnexxew skont l-ordni ta' kif ġew fil-klassifikazzjoni, dan sakemm jew il-fondi jiġu eżawriti jew sakemm ma jkunx fadal aktar Applikanti li Rnexxew.

5.7 Meta l-Valur tal-Għotja mitlub mill-Applikant li Rnexxa li lilu jmiss li ssir offerta skond il-klassifikazzjoni jaqbeż l-ammont ta' fondi li fadal sabiex jiġu allokati, offerta ta' appoġġ issir lil dak l-Applikant li Rnexxa iżda sa massimu tal-bqija tal-fondi li jkun fadal mhux allokati. Jekk l-offerta ma tiġix aċċettata minn dak l-Applikant li Rnexxa, l-istess offerta ta' appoġġ issir lill-Applikant li Rnexxa li jmiss warajh, f'konformità mal-ordni ta' klassifikazzjoni ddeterminata mill-marka miksuba matul l-evalwazzjoni tal-kontenut tal-applikazzjoni. Dan il-proċess ikompli sakemm il-fondi li jkun fadal jiġu kollha allokati jew sakemm ma jibqa' l-ebda Applikant li Rnexxa. Għandu jiġi nnutat li jekk Applikant li Rnexxa jaċċetta Valur ta' Għotja li jkun inqas mill-ammont mitlub fl-applikazzjoni, il-Proġett kif propost ma jistax jinbidel.

6. Mod ta' applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

6.1 Is-sottomissjonijiet tal-applikazzjoni għandhom isiru billi jintbagħtu elettronikament lil (rni-energywateragency@gov.mt) bil-kliem "2022 Call for Proposals – Application Submission Stage [Insert Stage number]" bħala s-suġġett. Tintbagħat email ta' konferma għall-applikazzjonijiet kollha li jiġu riċevuti. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li tiġi pprovduta rċevuta ta' konferma.

6.2 L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi strettament skond ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni u għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

Formola ta' applikazzjoni

Pjan ta' attivitajiet tal-proġett, skadenzi u riżultati (Gantt Chart)

CV tar-riċerkaturi ewlenin Dikjarazzjoni GDPR

Jistgħu jkunu meħtieġa dokumenti oħra skont l-applikazzjoni tal-Proġett u l-Applikant.

6.3 Applikazzjonijiet li jgħaddu l-Ewwel Stadju jiġu meħteġa li jissottomettu dawn li ġejjin fit-Tieni Stadju:

Formola bid-dettalji tal-Proġett Dikjarazzjonijiet dwar l-Għajnuna mill-Istat;

Dikjarazzjoni dwar avvenimenti ta' inadempjenza;

Rapporti finanzjarji awditjati għall-aħħar tliet snin fiskali (tal-Imsieħba kollha f'każ ta' konsorzju) esklużi entitajiet pubbliċi;

according to the rank order and until the funds are either exhausted or until no Successful Applicants remain.

5.7 When the requested Grant Value of the next ranking Successful Applicant exceeds the remaining unallocated funds, an offer of support will be made to that Successful Applicant but up to a maximum of the remaining unallocated funds. Should the offer not be accepted by that Successful Applicant, the same offer of support will be made to the subsequent Successful Applicant, in line with the ranking order determined by the mark achieved during the content evaluation. This process will continue until all remaining funds have been allocated or until no Successful Applicants remain. It must be noted that should a Successful Applicant accept a Grant Value that is lower than the amount requested in the application, the proposed Project cannot be changed.

6. Manner of application and supporting documents

6.1 The application submissions are to be sent electronically to (rni-energywateragency@gov.mt) with "2022 Call for Proposals – Application Submission Stage [insert Stage number]" as the subject. All received applications shall be acknowledged by email. It is the responsibility of the applicant to ensure that a confirmation receipt is provided.

6.2 All applications shall be submitted strictly in accordance with the Rules for Participation and shall include the following items at Stage 1:

Application form

Plan of project activities, timeframes and deliverables (Gantt Chart)

CVs of key researchers GDPR Declaration form(s)

Other documents may be required according to the Project application and the Applicant.

6.3 Applications which successfully pass Stage 1 shall be required to submit the following items at Stage 2:

Project details form;

State Aid Declarations Default event declaration;

Audited financial statements for the last 3 fiscal years (of all Partners, in the case of a Consortium) excluding public;

Jistgħu jiġu meħtieġa dokumenti oħra skont l-applikazzjoni tal-Proġett u l-Applikant. L-Awtorità Responsabbli tirriżerva d-dritt li fid-diskrezzjoni tagħha titlob garanzija bankarja sabiex tindirizza riskji potenzjali relatati ma' wieħed jew aktar mill-Applikanti, liema riskji jistgħu jkunu ġew identifikati mill-Awtorità Responsabbli. Il-garanzija bankarja mitluba tista' tilħaq il-massimu ta' 60% tal-appoġġ mitlub mill-Applikant jew mill-Imsieħeb speċifiku.

6.4 Fejn huwa meħtieġ li jintuża mudell, dan ikun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Responsabbli: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

7. Emendi għall-Iskema

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża għandu d-dritt li minn żmien għal żmien jemenda ir-Regoli applikabbli u, jew kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet stabbiliti b'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern.

It-3 ta' Ġunju, 2022

Other documents may be required according to the Project application and the Applicant. The Managing Authority reserves the right at its discretion to request a bank guarantee to address concerns with regards to potential risks identified by the Managing Authority as being posed by any one or more applicants. The bank guarantee requested may be up to a maximum of 60% of the financial support requested by the specific Applicant or partner.

6.4 Where it is required that a template is used, these will be made available on the website of the Managing Authority: (https://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

7. Amendments to Scheme

The Ministry for the Environment, Energy and Enterprise shall have the right to amend from time to time the applicable Rules and, or any of the provisions established by this Government Notice.

3rd June, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 84

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, mill-5.30 p.m. sad-9.30 a.m., m'hemmx clearance ta' karozzi pparkjati minn Triq il-Kapuċċini (mill-knisja tal-Kapuċċini), Triq Patri Giacintu Camilleri, Triq Sump u Triq Patri Manuel Magri (lura għall-knisja).

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat ukoll.

Il-Fontana

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Ġunju, 2022, mill-4.30 p.m. sas-6.00 p.m., m'hemmx clearance ta' vetturi ta' pparkjati minn Triq ta' Mulejja u Triq il-Għajn.

Trasport pubbliku jista' jkun uoll affettwat.

Għajnsielem

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, mit-8.15 a.m. sal-10.30 a.m., m'hemmx clearance ta' vetturi pparkjati minn Pjazza Madonna ta' Loretu, Triq J. F. de Chambray u Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

POLICE NOTICE

No. 84

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Victoria (Gozo)

On Friday, 24th June, 2022, from 5.30 p.m. till 9.30 p.m., no clearance of parked cars through Triq il-Kapuċċini (from Kapuċċini church), Triq Patri Giacintu Camilleri, Triq Sump and Triq Patri Manuel Magri (back to church).

Public transport may also be affected.

Fontana

On Tuesday, 7th June, 2022, from 4.30 p.m. till 6.00 p.m., no clearance of parked vehicles through Triq ta' Mulejja and Triq il-Għajn.

Public transport may also be affected.

Għajnsielem

On Sunday, 19th June, 2022, from 8.15 a.m. till 10.30 a.m. no clearance of parked vehicles through Pjazza Madonna ta' Loretu, Triq J. F. de Chambray and Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.